**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 12 ta' Diċembru 2019

Rikors Numru: 264/2017 AL

**A B u b'digriet tat-8 ta' Novembru 2018 Dr. Noel Bartolo u PL Hilda Ellul Mercer gew nominati bhala kuraturi *ad litem* biex jirrapprezentaw l-interess tal-minuri C B**

**Vs**

**D E u**

**F B**

**U**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ipprezentat fl-4 ta' Dicembru, 2017 li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

1. Illi nhar is-sbatax (17) ta' Marzu, tas-sena elfejn u ghaxra (2010) l-esponenti weldet tifla minuri li ngħatat l-isem ta' C B, u dan minn relazzjoni extra-matrimonjali illi hija kellha mal-intimat D E;
2. Illi fil-perjodu meta twieldet il-minuri C, l-esponenti kienet mizzewwga lill-intimat l-iehor, u cioe lil D E;
3. Illi għalhekk, u dan ai termini tal-ligi, il-minuri giet awtomatikament reġistrata fuq isem żewġ l-omm, u ċioe` l-intimat F B, li fil-fatt mhux il-missier naturali tal-istess minuri (certifikat tat-twelid tal-minuri hawn anness u mmarkat bħala Dok. A);
4. Illi konsegwentement fic-certifikat tat-twelid tal-minuri C B, fil-parti dedikata għad-dettalji tal-missier, hemm erronjament mnizzel "*F B (Pieta`, Malta)"* flok *"D E (Qormi,Malta)";*
5. Illi diga saru t-testijiet xjentifiċi appożitu, li juri illi l-missier naturali tal-minuri C B, huwa fil-fatt **D E**, pero` dan l-istess test sar mingħajr ebda ismijiet indikati;
6. Illi fid-dawl ta' dak appena espost, l-esponenti tixtieq illi c-certifikat tat-twelid ta' bintha minuri jiġi emendat minn l-intimat Direttur Reġistru Pubbliku fis-sens illi taħt il-kolonna dedikata għal missier naturali tal-minuri, il-kliem "***F B (Pieta, Malta)"*** jiġu **kancellati u sostitwiti bil-kliem *"D E (Qormi, Malta)"*** u dan sabiex l-istess D E, jiġi reġistrat bħala l-missier naturali tal-minuri C B, kif fil-fatt huwa realment, u dan għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

Talbet ghar-ragunijiet suesposti li l-konvenuti igħidu ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex :

1. **TIDDIKJARA** illi l-missier naturali tal-minuri C B imwielda nhar is-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u għaxra (2010), huwa l-intimat **D E**, u mhux l-intimat **F B** u dan ghall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, *occorrendo* anke bin-nomina ta' espert/i appożiti;
2. Konsegwentement **TORDNA** lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel id-debita korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tal-minrui **C B** enumerat bin-numru ta' iskrizzjoni 1005/2010

(1249180), fis-sens illi l-intimat **D E** jiġi ndikat formalment f'dan id-dokument bħala l-missier naturali tal-minuri, u dan billi fil-kolonna dedikata għal Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-missier, il-kliem *"F B (Pieta, Malta)* jiġu mħassra u kkanċellati u sostitwiti bil-kliem *"D E" (Qormi, Malta);*

Bl-ispejjez kontra l-intimata li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha espona (fol. 14);

1. Illi in linea preliminari u mill-atti li ġew notifikati lill-esponenti jidher illi għadhom ma nħatrux kuraturi deputati għal minuri u dan ai termini ta' Artikolu 781, 782 u 783 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi bla preġudizzju għas-suespost u in linea preliminari ukoll, jidher li hemm nieqsa ukoll l-awtorizzazzjoni meħtiega ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili u dan għaliex it-terminu stabbilit mil-liġi ta' sitt xhur mit-twelid tal-minuri, f'liema perjodu l-persuna ikkonċernata tkun tista' tipproċedi b'kawża ta' denegata paternita' ai termini tal-Artikolu 77A jew Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili, għadda. Għaldaqstant, f'dan l-istadju għandu jiġi ddikjarat jekk l-attriċi ġietx awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tipproċedi b'din il-kawża istanti – u fin-nuqqas ta' dan, f'ġieħ l-ekonomija tal-ġudizzju, l-attriċi għandha tirregola l-pożizzjoni tagħha immedjatament;

3. Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponenti tiddikjara li m'hijiex edotta mill-fatti hekk kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

4. Illi fil-mertu, l-esponenti teċċepixxi illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri, ir-rikorrenti kellha relazzjoni extra-maritali ma' D E u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetici li jeskludu lil intimat F B, bħala l-missier naturali tal-imsemmija minuri, u dan ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi lattriċi fir-rikors ġuramentat tagħha tindika fi premessa numru 5 illi diġa' saru testijiet xjentifiċi li juru li l-missier naturali tal-minuri huwa D E. Madanakollu tali test sar mingħajr ebda ismijiet indikati. Fil-fehma tal-esponent, dan it-test tad-DNA għal kull bon fini għandu jiġi pprežentat u maħluf mit-tekniku.
6. Illi bla ħsara għal premess u stante l-fatt li l-minuri għandha kważi tmien snin, għandha tiġi megħluba l-prezunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinċentement għal din l-Onorabbli Qorti, sabiex jiġi muri illi l-pussess ta' stat tal-minuri, ma' jaqbilx mal-att tat-twelid tagħha bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 1005 u 2584 tas-sena 2010;
7. Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti tistieden lil konvenut D E, sabiex jippreżenta d-dettalji personali tiegħu, permezz ta' nota li tispeċifika senjatament: (1) in-numru tal-karta tal-identita', (2) ismu u kunjomu, (3) l-eta' tiegħu meta twieldet il-minuri, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet l-minuri. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri;
8. Illi bla preġudizzju għal premess, f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti tirrileva illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-minuri a tenur tal-Artikolu 92 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
9. Illi subordinatament u dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem F B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Atti tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 1005/2010;
10. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponenti u kwindi hija m' ghandiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;
11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin minn issa jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku (fol. 14);

Rat in-nota guramentata ta' F B (fol. 10) li permezz taghha qieghed jammetti t-talbiet attrici kif kontenuti fir-rikors guramentat taghha enumerat 264/17 AL, fl-ismijiet premessi, u cioe` illi hu ma huwiex il-missier naturali tal-minuri.

Rat ir-risposta guramentata ta' D E (fol. 22) li permezz taghha kkonferma :

1. Illi l-esponent jikkonferma t-talbiet kif dedotti mir-rikorrenti b'dan izda illi huwa m'ghandux ibati l-ispejjez gudizzjarji stante illi kienu c-cirkustanzi tal-attrici A B illi wasslu sabiex it-tifla tigi registrata bhala wild ta' F B;

2. Illi hekk kif gie dikjarat ben tajjeb mill-istess rikorrenti, il-partijiet diga ressqu sabiex jaghmlu t-testijiet xjentifici tad-DNA fejn sar maghruf illi effettivament l-istess esponent huwa missier il-minuri C B;

3. Illi ghalhekk, gialadarba il-paternita` tal-minuri C B kienet giet stabbilita a sodisfazzjoni tal-partijiet l-esponent D E jiddikjara illi huwa m'ghandu l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet kif dedotti.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut D E;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Ir-rikorrenti qed titlob li jiġi magħruf bħala l-missier naturali tal-minuri C, u ċjoe` D E, mwielda mill-intimata fis-17 ta' Marzu 2010[1] Sal-lum, din hija dikjarata bħala bint F B filwaqt li l-missier bijoloġiku tal-minuri huwa D E.

D E fir-risposta tiegħu ikkonferma t-talbiet kif dedotti u kkonferma wkoll li l-partijiet diġa resqu għat-testijiet xjentifiċi tad-DNA fejn ġie konkjuż li huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri C. F B, fir-risposta tiegħu ammetta li huwa mhuwiex il-missier naturali tal-minuri.

Ir-rikorrenti tikkontendi li minkejja li l-minuri tnissel u twieled matul iż-żwieġ mal-konvenut F B, dan mhuwiex il-wild naturali u bijoloġiku tiegħu, iżda l-minuri C ġiet imniżżla bħala bintu.

Għalhekk, permezz ta' din il-kawża qegħda titlob li din il-Qorti sabiex tiddikjara li F B mhuwiex il-wild naturali tal-istess minuri, sabiex issir il-korrezzjoni meħtiega u jiġi indikat il-konvenut D E bħala missier il-minuri C fl-att tat-twelid tagħha.

Illi l-kawża odjerna ġiet intavolata mill-omm, u in vista wkoll li l-minuri ġie mnissel fiż-żmien meta l-istess omm kienet miżżewġa lil F B, tikkwalifika bħala waħda msejsa fuq l-Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili. Illi l-attriċi ma ressqitx it-talba tagħha fi żmien sitt xhur mit-twelid tat-tarbija sabiex issodisfat ir-rekwiżiti tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili li jesiġi li azzjoni bħal din odjerna ssir fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-minuri. Illi nonostante illi l-attriċi kisbet l-awtorizzazzjoni sabiex tipproċedi b'din il-kawża, l-istess awtoriżżazzjoni hija nulla u invalida in vista li l-liġi hija tassattiva fil-każ ta' ta' azzjonijiet ta' denegata paternita` (b'differenza minn azzjonijiet ta' filjazzjoni) u dawn l-azzjonijiet iridu jkunu intavolati fi żmien sitt xhur mit-twelid tat-tarbija, u ma tagħtix il-possibilita` illi l-omm tikseb l-awtoriżżazzjoni tal-Qorti sabiex tiġi intavolata azzjoni bħall-preżenti wara t-terminu ta' sitt xhur.

[1] Certifikat tat-twelid relattiv, fol 7.

Dan il-kunċett legali ġie elaborat minn din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Nadine Falzon vs Jalil Zaneldin (268/11) (AL) deċiża fis-7 ta' Diċembru 2016 ta' fejn ġie spjegat:

"*Illi l-kawża odjerna, in vista li ġiet intavolata mill-omm ("kull min ikollu interess") u mhux minn żewġha, u in vista wkoll li l-ulied ġew imnissla fiż-żwieġ, tikkwalifika bħala waħda msejsa fuq l-Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili. Illi kif ġustament eċċepixxa d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, a tenur tal-Artikolu C tal-Kodiċi Ċivili, l-azzjoni odjerna kellha ssir fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-minuri. Difatti l-Artikolu 77C jistipula*

*Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 77, 77A u 77B il-persuna li tgħid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiż-żwieġ, jew il-mara skont il-każ, jistgħu jipproċedu b'kawża għal dikjarazzjoni ta' paternita` jekk huma jressqu r-rikors ġuramentat tagħhom fi żmien sitt xhur mit-twelid tat-tifel.*

*Iżda l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tista' wara li jsir rikors mill-persuna li tgħid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiż-żwieġ jew mill-mara u, jekk ikun possibbli wara li tkun semgħet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tat-tifel, f'kull żmien tawtorizża lill-persuna li tgħid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiż-żwieġ jew lill-mara biex jibdew kawża għal dikjarazzjoni ta' paternita` kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77B*."

"Il-Qorti tirrileva li fin-nuqqas li l-kawża tiġi preżentata fi żmien sitt xhur mit-twelid tat-tarbija, l-awtroiżżazzjoni tal-Qorti tista' tinkiseb sabiex xorta waħda ssir azzjoni ta' filjazzjoni a tenur tal-Artikolu 77A u 77B sabiex ikun dikjarat il-missier naturali tal-minuri. Biss din l-awtoriżżazzjoni ma tistax ugwalment tinkiseb għal azzjonijiet ta' denegata` paternita a tenur tal-Artikolu 77. Fit-tieni paragrafu tal-artikolu 77C appena ċċitat, l-artikolu 77 mhuwiex imniżżel, sija fit-test Malti u wkoll fit-test Ingliż. Huma mniżżlin biss l-Artikoli 77A u 77B. Dan mhuwiex żball jew koinċidenza, għaliex sija l-Qrati, fil-ġurisprudenza tagħna, u wkoll il-leġislatur jirreżistu li jbiddlu l-istat tal-ulied imnissla u mwielda fiż-żwieġ.

Għaldaqstant, anke jekk fil-każ odjern l-awtorizżazzjoni ma ġietx mitluba, lanqas setgħet tingħata, u l-azzjoni ġaladarba hija mressqa mill-omm, kellha ssir fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-ulied.”

Iżda fil-każ odjern, b’differenza mill-kawża fuq ċitata, l-azzjoni qegħda tiġi intavolata wkoll mill-minuri, debitament rappreżentata mill-Kuraturi Deputati. Fil-fatt, b’digriet datat 15 ta’ Ottubru 2018, din il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti biex tinnomina kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-minuri, b’hekk l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur intimat ġiet sorvolata. Illi kif jirriżulta wkoll mill-verbal datat 2 ta’ Lulju 2019 (fol 54) il-Qorti u l-avukat difensur tad-Direttur intimat, raw li ġew sorvolati l-eċċezzjonijiet tad-Direttur intimat.

Hija l-fehma tal-Qorti, illi l-wild għandu l-fakolta` illi dejjem u meta irid iressaq provi illi jindikaw illi l-istat tiegħu mhuwiex konformi maċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu u għaldaqstant jitlob lill-Qorti sabiex isiru l-korrezzjonijeit meħtieġa. Dan bis-saħħa tal-Artikolu 83 u 84 tal-Kodiċi Civili illi jistipulaw:

“83. Il-prova kuntrarja tista’ ssir b’xiehda li turi illi min jitlob l-istat mhux bin il-persuna illi hu igħid li wellditu, inkella meta din hija ppruvata, illi hu mhux bin il-parti l-oħra taż-żwieġ.

84. M’hemmx preskrizzjoni għall-azzjoni għal tifel biex jistabbilixxi l-filjazzjoni proprja tiegħu.”

Għalhekk, m’hemm l-ebda impediment proċedurali għall-minuri sabiex jintavola l-kawża tiegħu f’dan l-istadju u cjoe` qrib is-seba’ snin mit-twelid tiegħu.

In vista ta’ dan, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina l-mertu tal-każ odjern. Fil-mertu, jirriżulta li fil-każ odjern il-Qorti tista tistrieh fuq iċ-ċertezza tat-testijiet ġenetiċi, li huma l-aqwa prova f’każijiet simili biex jistabbilixxu min hu l-missier bijoloġiku tal-minuri. Fil-fatt ġie kkonfermat mill-espert li ħa l-kampjuni ġenetiċi, li D E hu l-missier bijoloġiku tal-wild C billi abbażi tal-eżitu mill-profili ġenetiċi

mill-partijiet tad-DNA elenkati l-probabilta` ta' paternita hija 99.9%. (fol 47 tal-proċess).

Inoltre`, il-konvenut F B ikkonferma fir-risposta tiegħu, li huwa mhuwiex il-missier bijoloġiku tal-minuri C, filwaqt li l-konvenut D E, ikkonferma t-talbiet kif dedotti.

<u>DWAR KUNJOM IL-MINURI:</u>

Illi l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku eċċepixxa illi l-partijiet għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-minuri C u dan a tenur tal-artikolu 92(6) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi permezz ta' nota ippreżentata fis-26 ta' Marzu 2019[2] il-partijiet iddikjaraw li jaqblu li kunjom il-minuri C għandu jkun "E B". Għalhekk, din il-Qorti taqbel li dan huwa l-kunjom li għandu jiġi applikat għall-minuri, u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jagħmel annotazzjoni f'dan ir-rigward fl-att tat-twelid relattiv tal-minuri.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża, billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif ġej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-missier naturali tal-minuri C imwielda nhar is-17 ta' Marzu 2010, huwa l-konvnenut D E u mhux F B.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel id-debita korrezzjonijiet fl-att tat-twelid numru elf u hamsa tas-sena elfejn u ghaxra (1005/2010) tal-minuri C billi jikkanċella l-konnotati kollha tal-konvenut F B u

[2] Fol 51

minflok jitniżżlu l-konnotati kollha ta’ D E, detentur tal-karta tal-identita`XXX li meta twieldet il-minuri, kellu 50 (50) sena, imwieled il-Pieta` residenti H’Attard, u huwa iben G E, li kien ħaj fil-mument tat-twelid tal-minuri u għadu ħaj. Tordna wkoll lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jikkanċella l-kelmiet ‘the said’ li jinsabu qabel isem F B taħt il-kolonna u ringiela fejn hemm indikat it-tagħrif dwar l-omm.

L-ispejjeż jitħallsu mir-rikorrenti.